C/2024/1917

29.2.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11378 - SFH / EXISTING SHAREHOLDERS / ARGAL) Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1917)

1. F'20 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Smithfield Foods Holding Limited ("SFH", ir-Renju Unit), li tappartjeni lil Smithfield Group (l-Istati Uniti);

— Il-familja Manusian, S.L., Guembox Inversiones, S.L., is-Sur Jordi Xavier Cagigós Negre u s-Sur Antonio Cordero (flimkien, l-"Azzjonisti Eżistenti", kollha minn Spanja), u

— Argal Alimentación, S.A, ("Argal", Spanja).

SFH u l-Azzjonisti Eżistenti se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Argal.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— SFH hija kumpanija azzjonarja tal-Grupp Smithfield, li huwa grupp tal-ikel attiv fl-UE primarjament fl-attivitajiet li ġejjin: (i) il-produzzjoni u l-bejgħ ta' laħam ipproċessat; u (ii) il-produzzjoni u l-bejgħ ta' laħam frisk;

— L-Azzjonisti Eżistenti huma investituri jew veikoli ta' investiment bl-ebda attività kummerċjali għajr il-ġestjoni ta' Argal;

— Argal u s-sussidjarji tagħha huma prinċipalment attivi fil-produzzjoni ta' prodotti tal-laħam ipproċessat fi Spanja u fi Franza, u tbigħhom fil-biċċa l-kbira tal-UE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11378 - SFH / EXISTING SHAREHOLDERS / ARGAL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË